# FIL-QORTI ĊIVILI

# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum il-Hamis 27 ta' Jannar, 2022

**Kawża Nru. 2**

**Rik. Nru. 53/2020 ISB**

**Crossmedia Ltd. (C40980)**

**vs**

**X**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti **Crossmedia Ltd. (C 40980),** pprezentat fl-1 ta' Ottubru 2020, li permezz tieghu hija esponiet bir-rispett:

1. *Illi dan ir-rikors qed jiġi preżentat ai termini tal-Artikoli 214(1)(a) u 214(2(a)(ii) tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta) (l-'Att');*

2. *Illi Crossmedia Ltd. hija soċjeta' b'responsabbilita' limitata reġistrata Malta bin-numru ta' reġistrazzjoni C40980 u bl-uffiċju reġistrat Prodomo Offices, No. 7 Pjazza Celsi Naxxar NXR 2013 Malta u ġiet konstitwita fis-16 ta' Marzu tas-sena 2007;*

3. *Illi mill-Memorandum u l-Istatut ta' Assoċjazzjoni tas-soċjeta' esponenti, kopja ta' liema qed tiġi anness ma' dan ir-rikors u mmarkat bħala* ***Dokument 'CML 1'*** *jirriżulta illi l-'Objects' prinċipali tagħha huma s-segwenti:*

   > *To act as buyers, sellers, importers, commission agents, dealers, distributors, franchisors, licensees, licensors and brokers in respect of consumer goods and in general in respect of all merchandise and goods, commodities, services and facilities. The Company is however precluded from acting as insurance agents or insurance brokers;*

4. *Illi l-kapital azzjonarju awtorizzat attwali tas-soċjeta' esponenti jammonta għal erba' telef u ħames mitt Ewro (€4,500) liema kapital huwa maqsum f'erba' telef u ħames mitt ishma ordinarji ta' valur nominali ta' Ewro (€1) kull sehem;*

5. *Illi l-kapital azzjonarju sottoskritt tas-soċjeta esponenti huwa sottoskritt da parte tal-azzjonisti in kwantu s-soċjeta' Crossmedia Holdings Ltd. (C40934) għandha erba' telef erba' mija tmienja u disgħin (4,498) ishma ordinarji bil-valur nominali ta' Ewro (€1) fis-soċjeta' rikorrenti u in kwantu s-sehem rimanenti ossija s-sehem ta' żewġt (2) ishma ordinarji bil-valur nominali ta' Ewro (€1) jappartjenu lil Roland Goelles detenur tal-passaport Awstrijak U3563132 u dan kif inhu rifless ampjament mill-estratt tal-"Involved Parties" tas-soċjeta' esponenti meħud minn fuq is-sit elettroniku tal-Malta Business Registry, kopja hawn annessa u mmarkata bħala* ***Dokument 'CML 2'****;*

6. *Illi, sfortunatament, il-qagħda finanzjarja tas-soċjeta` esponenti matul dawn l-aħħar snin kienet tinsab fi stat batut hafna u ilha sejra ħażin għall-dawn l-aħħar snin, u dan hekk kif jindikaw ir-rapport finanzjarji tas-soċjeta` esponenti (kopja tal-Financial Statements for the Year ending 31 December 2018 hawn annessa u mmarkata bhala '****Dokument 'CML 3****'. Barra minn hekk is-sitwazzjoni tal-pandemija tal-Covid19 kompliet trendi s-sitwazzjoni finanzjarja tas-soċjeta' esponenti bħala waħda irriparabbli;*

7. *Illi s-soċjeta' esponenti għandha lista estensiva ta' kredituri li għandhom djun pendenti u dovuti lis-soċjeta' esponenti, kif joħroġ mil-lista ta' kredituri annessa bħala* ***Dokument 'CML 4'****;*

8. *Illi minkejja diversi tentattivi da parte tal-membri kollha u tad-direttur sabiex is-soċjeta` esponenti tirnexxielha tirkupra s-saħħa finanzjarja, inkluz diversi diskussjonijiet mal-kredituri taghha, is-sitwazzjoni ma setgħetx tiġi rrimedjata;*

9. *Illi kif jidher mil-Balance Sheet tas-soċjeta' esponenti, liema Balance Sheet aġġornata sal-31 May 2020 qegħda tiġi hawn annessa bħala '****Dokument CML 5****', jidher li għalkemm is soċjeta għandha mija tnejn u għoxrin elf u disgħa u sebgħin Ewro (€122,079) fi Trade Receivables mingħand diversi debituri, s-soċjeta' esponenti tista' tiġbor biss tnax-il elf mija tlieta u erbgħin Ewro (€12,143) minnhom għaliex id-debituri obbligati li jħalsu dawn it-Trade Receivables għaddejjin huma stess minn problemi finanzjarji u/jew qegħdin fi stralċ u għalhekk mhumiex f'pożizzjoni li jħalsu dan id-dejn;*

10. *Illi in-net assets tas-soċjeta' esponenti jammontaw biss għas-somma ta' tletin elf ħamsa u tletin Ewro (€30,035) u konsegwentament, is-soċjeta' esponenti qiegħda f'sitwazzjoni fejn effettivament hi ma tistax tħallas id-djun tagħha;*

11. *Illi l-Artikolu 218(1) tal-Att jipprovdi s-segwenti:*

    *Talba lill-qorti (aktar 'il quddiem imsejħa "rikors għal stralċ") għal –*

    *a) Stralċ ta' kumpannija mill-qorti skont l-artikolu 214(1)(a);*
    *b) Xoljiment u stralċ ta' kumpannija mill-qorti skont l-artikolu 214(2)(a); jew*
    *c) Xoljiment u stralċ ta' kumpannija skont l-artikolu 214(2)(b);*

    *Għandha ssir 'rikors li jista' jsir mil-kumpannija wara deċiżjoni tal-laqgħa ġenerali jew mil-bord tad-diretturi tagħha jew minn xi detentur ta' obbligazzjoni, kreditur jew kredituri, jew minn xi kontributorju jew kontributorji;*

12. *Illi s-soċjeta' rikorrenti għaddiet riżoluzzjoni straordinarja hawn annessa u mmarkata bħala* ***Dokument 'CML 6'****, fejn għar-raġunijiet kollha premessi ġie deċiż li s-soċjeta' rikorrenti tiġi xolta u konsegwentement stralċjata minn dina l-Onorabbli Qorti skont l-Art.214(1)(a) u l-Art.214(2)(a)(ii) u dan a tenur tal-Art. 218(1) tal-Att;*

*Għaldaqstant, u in vista tas-suespost, ir-rikorrenti titlob illi dina l-Onorabbli Qorti jogħoġobha, prevja d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha neċessarji u opportuni:*

1. *Tordna illi s-soċjeta' esponenti tiġi xolta u konsegwentement stralċjata minn dina l-Onorabbli Qorti abbażi tal-Art. 214(1)(a) u/jew l-Art.214(2)(a)(ii) u dan a tenur ta' l-Art 218(1) tal-Att, bl-ispejjeż a karigu tal-istess soċjeta' esponenti;*

2. *Tagħti kull provvediment ieħor opportun sabiex jinħatar stralċarju u jiġi kondott l-istralċ konsegwenzjali tas-soċjeta' esponenti u ai termini tal-Att;*

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors (Dok CML 1 sa CML 6).

Rat id-digriet taghha (kif diversament preseduta) tat-8 ta' Ottubru 2020 fejn ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghall-udjenza tat-3 ta' Dicembru 2020 fl-10:00am, u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lir-Registratur tal-Kumpanniji.

Rat illi r-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat fid-9 ta' Ottubru 2020 (ara tergo ta` fol 45).

Rat in-nota tas-socjeta` rikorrenti tal-14 ta' Settembru 2021 li permezz taghha gie pprezentat l-affidavit ta' Ingrid Niederl u dak ta' Roland Golles.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma u partikolarment dak tal-udjenza tal-25 ta' Ottubru 2021 minn fejn jirrizulta illi d-difensuri tal-partijiet iddikjaraw illi ma kellhom aktar provi xi jressqu u li l-proceduri setghu jithallew ghall-provvediment, kif qed isir illum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza, inkluz mill-provi mressqa.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirrizulta illi dan huwa procediment li ttiehed mill-kumpannija kummercjali Crossmedia Ltd (C40980) ai termini tal-Artikoli 214(1)(a) u 214(2)(a)(ii) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta u dan wara rizoluzzjoni straordinarja tal-istess kumpannija tat-23 ta' Settembru 2020.

Illi din hija socjeta` kummercjali b'responsabbilita' limitata illi giet registrata fis-sena 2007 b'kapital azzjonarju awtortizzat ta' erbat'elef u hames mitt Euro, sottoskritti in kwantu ghal erbat'elef erba' mija u tmienja u disghin Euro lis-socjeta` Crossmedia Holdings Ltd (C40934) u r-rimanenti sehem ta' zewg Euro sottoskritti fuq Roland Goelles, residenti l-Awstrja.

Illi jidher illi s-socjeta` rikorrenti kienet qed tesperjenza diffikultajiet finanzjarji kif jirrizulta mill-Financial Statements ghas-sena li tispicca Dicembru 2018, liema

sitwazzjoni finanzjarja prekarja baqghet tipperpetwa u anzi tmur ghall-aghar bil-pandemija tal-Covid-19.

Illi kif jirrizulta minn DOK CML4 jirrizulta illi l-lista ta' kredituri tal-kumpannija rikorrenti hija estensiva, alemu fis-sens illi d-dejn mhux zghir, ammontanti kwazi tlett kwarti ta' miljun Euro, filwaqt illi l-kumpannija kummercjali, kif jirrizulta mill-Balance Sheet aggornata sal-31 ta' Mejju 2020, jidher illi ghandha net asset value ta' madwar tletin elf Euro.

Illi rinfaccjata f'din is-sitwazzjoni, il-kumpannija ghaddiet rizoluzzjoni straordinarja sabiex jinghata bidu ghal dawn l-odjerni proceduri, wara anke illi trade receivables fl-ammont ta' ftit il-fuq minn mitt elef Euro kienu *written off as bad debts* u aktar minn hekk, tentattivi ta' arrangmenti ta' hlas mal-kredituri ma tawx rizultati.

**Ikkunsidrat ulerjorment:**

Illi **Ingrid Niederl**, direttur uniku tal-kumpannija rikorrenti, permezz tal-affidavit taghha, tghid illi hija ilha direttur sa mis-sena 2018 u l-kumpannija rikorrenti tifforma parti minn grupp ta' kumpanniji li ghandhom bhala negozju "*marketing activities with emphasis on online marketing and general marketing services for the betting companies with Maltese license*".

Hija tispjega tghid illi hija rrilokat lejn Malta peress illi n-negozju kien tajjeb u kien jinthieg il-presenza taghha f'Malta, izda illum rritornat lura l-Awstrija. Tispjega illi l-attivita' kummercjali tal-kumpannija kellha *focus* partikolari fuq is-suq *German Speaking*.

Tispjega illi l-kumpannija dahhlet fi problemi fis-sena 2019 meta bdiet titlef il-klijenti u l-kuntratti u bdiet issib diffikulta' illi ssostni l-klijentela li kellha u ggib klijenti godda, anke minhabba "*the increased negative perception of Maltese registered companies in Europe and mostly in Austria after publications such as the Paradise Papers, and the intrusive investigations of Austrian Authorities in all companies linked to Malta*".

Hi zzid tispjega illi l-pandemija kompliet tgharraq is-sitwazzjoni peress illi l-attivita' kummercjali tal-kumpannija "*came to a complete halt and it was impossible to create new business opportunities*".

Zzid tghid illi kien anke difficli illi l-kumpannija tottjeni ghajuna finanzjajra mill-Grupp Crossmedia peress illi l-pandemija laqtet hazin lil kulhadd. Tispjega illi tentattivi ghal *deferred payment agreements* mal-kredituri ma rnexxewx u ghalhekk il-kumpannija ma kelliex triq ohra ghajr illi tghaddi r-rizoluzzjoni straordinarja li wasslet ghal dawn il-proceduri.

Fl-affidavit tieghu, **Roland Golles** jikkonferma fis-sustanza tieghu dak li tghid Ingrid Niederl, izda jzid ighid illi huwa l-*ultimate beneficial owner* tal-kumpannija rikorrenti. Jghid illi l-problemi tal-kumpannija pperpetwaw "*due to the negative perception that Maltese companies were getting in Austria as a result of the bad publicity coming out of the Panama Papers and the Offshore Leaks Database (as operated by the ICIJ).*"

Izid ighid illi "*Maltese registered companies were being scrutinised and hence potential counterparties were reluctant to trade with Malta registered companies which made it quite difficult for the company to create and maintain business relationships with exisiting clients and also find new potential clients, especially in Austria*".

Jispjega illi rizultat ta' investigazzjonijiet ta' l-Awtoritajiet Awstrijaci tat-Taxxa, il-kumpannija kienet soggetta ghal skrutinju kbir u *ongoing audits*, u sussegwentament intbghatet "*comprehensive letter*" lill-klijentela tal-kumpannija rikorrenti li wassal ghal telf kbir ta' klijentela. Jghid illi l-kumpannija irreagixxiet billi ippruvat tistabilixxi negozju gdid ma' klijenti godda "*from the betting and sports sector*" partikolarment fl-isfond tal-EURO 2020, izda l-pandemija sfrattat dan il-progett ukoll.

Fl-isfond ta' dawn ic-cirkostanzi, il-kumpannija ma kelliex triq ohra hlief illi tiehu d-decizjoni li hadet.

**L-Art. 214(1)(a) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta**

Id-disposizzjoni tal-KAP 386 li abbazi taghha hija msejjsa din il-procedura huwa l-artiklu 214(1)(a), jipprovdi hekk:

> *Kumpanija xxolji u konsegwentement tiġi stralċjata fil-każijiet li ġejjin –*
>
> *(a) il-kumpanija tirriżolvi b'riżoluzzjoni straordinarja li l-kumpanija għandha xxolji u tkun stralċjata mill-qorti*

**L-Artiklu 214(2)(a)(ii) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta**

> *Barra mill-mod ta' xoljiment imsemmija fis-subartikolu(1) -*
>
> *(a) kumpanija tista 'xxolji u tkun stralċjata mill-qorti fiċ-ċirkostanzi*
>
> *li ġejjin –*
>
> *(ii) il-kumpanija ma tkunx tista' tħallas id-djun tagħha;*

**L-Art. 218(1) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta**

L-artiklu 218(1) jghid espressament hekk:

> *Talba lill-qorti (aktar 'il quddiem imsejħa "rikors għal stralċ") għal*
>
> *(a) stralċ ta' kumpanija mill-qorti skont l-artikolu 214(1)(a);*
>
> *(b) xoljiment u stralċ ta' kumpanija mill-qorti skont l-artikolu 214(2)(a); jew*
>
> *(ċ) xoljiment u stralċ ta' kumpanija skont l-artikolu 214(2)(b),*

*għandha ssir b'rikors li <u>jista' jsir jew mill-kumpanija wara deċiżjoni tal-laqgħa ġenerali jew mill-bord tad-diretturi tagħha</u> jew minn xi detentur ta' obbligazzjoni, kreditur jew kredituri, jew minn xi kontributorju jew kontributorji:*

*Iżda rikors skont il-paragrafi (b) jew (ċ) jista' wkoll isir minn xi azzjonist jew direttur tal-kumpanija.*

Illi r-rizoluzzjonijiet straordinarja mehuda fil-25 ta' Settembru 2020, DOK CML 6 (fol 41) taghmel referenza specifika ghall-problemi li l-kumpannija *de quo* irriskontrat biex tkompli topera, fosthom

(a) it-tentattivi falluti tal-kumpannija biex tasal f'arrangamenti ta' hlas tad-djun akkumulati,

(b) il-pandemija COVID-19,

(c) il-*bad debts* illi kellha tinkorri u

(d) il-qaghda finanzjarja tal-kumpannija fejn mhux prevvist illi tkampa mad-djun li ghandha bl-assi li hija ghandha.

Kif gie kkunsidrat aktar il-fuq, ix-xhiedha mressqa spjegaw f'certu dettal ghaliex il-kumpannija rikorrenti wasslet hawn u f'dan l-istat.

Illi d-difensuri tal-partijiet strahu fuq l-atti qabel ma ddikjaraw illi din l-Qorti tista' tghaddi ghall-provvediment taghha, u fil-fatt, mill-atti stess jirrizultaw sodisfatti ir-rekwiziti li trid il-ligi sabiex din il-Qorti tkun tista' tipprovdi b'mod favorevoli dwar it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti.

Fin-nuqqas ta' prova jew dikjarazzjoni kuntrarja, il-Qorti ghandha ghaliex tifhem ukoll illi dawn il-proceduri huma meqjusa bhala main insolvency proceedings ai termini tal-Artiklu 3 u 4 tar-**Regolament EU 2015/848** tal-20 ta' Mejju 2015.

Dan qed jinghad, peress illi mill-atti jirrizulta sodisfacenti lill-Qorti (a) illi r-rizoluzzjoni straordinarja saret u saret ghal ragunijiet legittimi fic-cirkostanzi partikolari li tinsab fihom il-kumpannija, u, (b) illi hemm diffikultajiet kbar biex il-kumpannija thallas id-djun taghha, li akkumulaw f'eluf kbar u mhux prevvist illi jkunu jistghu jithallsu mhux biss peress illi fallew tentattivi mal-kredituri biex jasslu f'arrangamenti, izda ukoll minhabba li l-operat taghha ckien ghad-diversi ragunijiet spjegati mix-xhiedha, izda ukoll ghaliex il-grupp ma hux f'posizzjoni illi jaghmel *cash injection* fil-kumpannija peress illi bhala Grupp, gie ukoll kolpit mill-effetti tal-pandemija COVID-19,

**GHALDAQSTANT**, il-Qorti, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ccitati, jidhrilha illi gew sodisfatti il-voti tal-ligi sabiex tkun tista` tghaddi biex takkolja it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti u tenut kont ta` l-assjem ta` fatti u cirkostanzi li l-Qorti giet mgharrfa bihom, din il-Qorti qeghda <u>tilqa' t-talbiet kif dedotti</u> fir-rikors tas-socjeta` rikorrenti u:

1. **Tordna** illi s-socjeta` **Crossmedia Ltd. (C-40980)** tigi xjolta b'effett immedjat u konsegwentament stralcjata a bazi tal-artiklu 214(1)(a) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. **Tahtar** lir-Ricevitur Ufficjali bhala stralcjarju tal-kumpannija **Crossmedia Ltd. (C-40980)**.

3. **Taghti** lill-istralcarju s-setghat u d-dmirijiet kollha li huma previsti fil-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, fosthom illi:

   a) Wara li jikseb dikjarazzjoni dwar il-qaghda tal-kumpannija de quo, ai termini tal-Artiklu 226 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta, jaghmel rapport lill-Qorti ai termini tal-artiklu 227 tal-istess KAP 386,

   b) Jaghmel il-verifiki kollha necessarji u opportuni dwar l-assi u d-djun tal-kumpannija de quo u jekk ikun il-kaz, jirraporta dwar il-gradwazzjoni tad-djun.

   c) Jiehu taht il-kustodja u l-kontroll tieghu kwalsiasi assi illi talvolta l-kumpannija **Crossmedia Ltd. (C-40980)** jista' ghandha, u dan ai termini tal-Artiklu 237 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta.

   d) Jaghmel u jiddefendi kwalsiasi azzjoni jew proceduri legali fl-isem u l-interess tal-kumpannija de quo.

   e) Jirrelata dwar il-mizuri mehtiega ghall-harsien ta' kwalsiasi assi li l-kumpannija jista' ghandha,

4. **Tordna** lill-istralcjarju sabiex jipprezenta rapport tal-hidma tieghu sa qabel l-udjenza li jmiss.

5. **Tordna** li l-ispejjez u drittijiet kollha naxxenti minn dan il-procediment, inkluzi l-ispejjez kollha tal-istralc komprizi l-ispejjez u d-drittijiet tal-istralcjarju, ghandhom jithallsu mill-kumpannija rikorrenti **Crossmedia Ltd. (C-40980).**

**Finalment, il-Qorti qed tordna illi minghajr dewmien ir-Registratur tal-Qrati jghaddi kopja legali ta' din id-decizjoni lir-<u>Ricevitur Ufficjali</u> u lir-<u>Registratur tal-Kumpanniji</u> u qed thalli l-istralc ghar-rapport ta' l-istess Ricevitur Ufficjali.**

| | |
|---|---|
| **Onor. Ian Spiteri Bailey** | **Marisa Bugeja** |
| **Imhallef** | **Deputat Registratur** |